MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 48/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**vs**

**Fenech Lee**
**ID 515291 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn seba' mija tlieta u tmenin ewro u erbatax-il centezmu (€2,783.14c) in konnessjoni ma' 79496521 u 99024438 (AC40228353 u 40226597), liema servizzi gew ikuntrattati permezz ta' zewg kuntratti datati 28 ta' Awwissu, 2012 u 31 ta' Awwissu, 2012.

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti ta’ mija tmienja u disghin ewro (€198) dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti skond Dokument C u D annessi.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2245/13, u bl-imghax mit-18 ta’ Settembru, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok. A sa Dok. F.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn seba’ mija tlieta u tmenin ewro u erbatax-il centezmu (€2,783.14c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------